MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2022

Appell Inferjuri Numru 185/2019 LM

**Maria Pia sive Pia Zammit (K.I. 219368M)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Victor Vella**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell magħmul mill-attriċi **Maria Pia** sive **Pia Zammit** (K.I. 219368M) [hawnhekk 'l-appellanta'] mid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], fit-3 ta' Diċembru, 2020 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha l-Ewwel

Qorti ddeċidiet li l-pubblikazzjonijiet imsemmija mill-attriċi fir-rikors promutur tagħha, mhumiex diffamatorji fit-termini tal-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u Malafama, u konsegwentement laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, filwaqt li ċaħdet it-talbiet tal-attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha.

**Fatti**

2. L-attriċi istitwiet proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati wara li ħassitha aggravata minn artiklu li deher fil-gazzetta 'It-Torċa' tal-Ħadd, 18 t'Awwissu, 2019, liema artiklu kien intitolat '*Ritratt Kontroversjali ta' Pia Zammit ... tispjega'*, kif ukoll mill-artiklu intitolat *'M'Għandux Ikun Hemm Ċajt bl-Iswastika ... Insensittività li tippoża biha'*, li deher fl-istess gazzetta fil-25 t'Awwissu, 2019, liema artikli l-attriċi ħasset li kienu diffamatorji fil-konfront tagħha, u li ġew ippubblikati b'malizzja sabiex jikkawżaw ħsara lir-reputazzjoni tagħha, u bil-ħsieb li jinċitaw id-disprezz u l-mibegħda tal-pubbliku lejha. L-attriċi talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut **Victor Vella** [hawnhekk 'l-appellat'] għall-ħlas tad-danni morali sofferti minnha *ai termini* tal-artikolu 9 tal-Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Mertu**

3. L-attriċi pproċediet kontra l-konvenut quddiem l-Ewwel Qorti wara li ħassitha aggravata b'żewġ artikli li dehru f'gazzetta li l-konvenut huwa editur tagħha.

4. Il-konvenut wieġeb li t-talbiet tal-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex l-artikli kienu maħsuba biss biex iservu ta' *value judgment* u li f'dan l-artikli huwa sempliċement ta rendikont tal-fatti kif irriżultaw lilu, kif ukoll għadda kummenti li għandhom jitqiesu bħala *fair comment* dwar kwistjoni ta' interess pubbliku, liema kummenti huma aċċettabbli f'soċjetà demokratika, kif ukoll huma permissibbli taħt il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

5. L-attriċi tat id-depożizzjoni tagħha quddiem l-Ewwel Qorti fejn spjegat li fl-artiklu in kwistjoni kien deher ritratt tagħha li ttieħed *backstage* fit-Teatru Manoel, qabel produzzjoni li ttellgħet f'Marzu jew April tal-2009. Spjegat li dak iż-żmien hija kienet qiegħda tipparteċipa fil-produzzjoni 'Allo' Allo!', u spjegat li l-produzzjoni in kwistjoni oriġinarjament kienet ittellgħet bħala *sitcom* fuq it-televiżjoni Brittaniku, u sussegwentement kienet saret produzzjoni teatrali li ntweriet madwar id-dinja. Qalet li f'din il-produzzjoni teatrali hija kellha l-parti ta' Michelle Dubuois, aġenta tar-reżistenza Franċiża li f'din id-drama fittizja kellha l-parti li tipprova tfixkel lir-reġim Nażista. L-attriċi spjegat li l-konvenut kien bagħat mistoqsija fuq il-paġna ta' *Facebook* tal-grupp #Occupy Justice li hija tifforma parti minnu, fejn dawn ġew mistoqsija jgħidu x'jaħsbu dwar ir-ritratt tal-attriċi li fejn tidher qiegħda żżomm *swastika* f'idejha. Ix-xhud qalet li dak iż-żmien hija kienet ukoll waħda mill-amministraturi tal-paġna ta' *Facebook* tal-grupp, u t-tweġiba tagħha kienet li jkun perikoluż jekk ir-rwol ta' persuna bħall-attriċi li taħdem fuq il-palk, jiġi ekwiparat ma' dak li l-persuna temmen fih fil-ħajja privata tagħha. L-attriċi qalet li hija ħassitha aggravata bl-artikli in kwistjoni fejn ġiet identifikatha bħala attivista fil-grupp #Occupy Justice, u r-ritratt

ippubblikat mal-artikli ġie deskritt mill-konvenut bħala wieħed 'kontroversjali'. L-attriċi qalet li r-ritratt in kwistjoni ma kien xejn għajr ritratt ta' attriċi b'kostum meħud *backstage.* L-attriċi qalet li n-narrattiva fl-artikli kienet li hi, bħala attivista fil-grupp #Occupy Justice hija Nażista. Qalet li r-ritratti ppubblikati mhumiex fl-interess pubbliku, partikolarment għaliex dawn ġew elevati mill-paġna tagħha ta' *Facebook* u kienu ilhom li ttieħdu aktar minn għaxar snin. L-attriċi qalet ukoll li l-fatt li dan ir-ritratt ġie ċċirkolat għaxar snin wara li ttellgħet il-produzzjoni teatrali in kwistjoni juri li min iċċirkola r-ritratt kellu intenzjoni li jagħmlilha l-ħsara. L-attriċi qalet li anki d-deskrizzjoni tagħha fl-artiklu bħala persuna li qiegħda tippoża bl-iswastika f'idejha hija libelluża. Qalet ukoll li minkejja li hija wieġbet u spjegat iċ-ċirkostanzi li fihom ittieħed ir-ritratt, jiġifieri fil-kapaċità tagħha ta' persuna privata li inzertat taħdem bħala attriċi, il-komunikazzjoni li ppreċediet il-pubblikazzjoni tal-artiklu da parti tal-konvenut saret permezz tal-paġna ta' #Occupy Justice.

6. **Edward Mercieca**, attur u produttur teatrali kkonferma li r-ritratt li deher fl-artiklu ttieħed *backstage* waqt produzzjoni teatrali. Spjega li l-produzzjoni in kwistjoni 'Allo' Allo!' kienet kummiedja ssettjata fi Franza matul it-Tieni Gwerra Dinjija, u bħala kummiedja kienet popolari ħafna fis-sebgħinijiet u t-tmeninijiet. Qal li wara l-programmi televiżivi kienet ittellgħet produzzjoni teatrali, li ħadet sehem fiha l-attriċi. **Chris Gatt**, direttur teatrali xehed li huwa kien dderiġa l-produzzjoni teatrali li ħadet sehem fiha l-attriċi, u qal li huwa ma setax jifhem għal liema raġuni r-ritratt tal-attriċi *backstage* ġie deskritt bħala wieħed 'kontroversjali'.

7. Il-konvenut **Victor Vella**, editur tal-gazzetta 'It-Torċa' spjega li huwa kien involut fi grupp fejn beda jiġi ċċirkolat ir-ritratt in kwistjoni tal-attriċi abbinat mal-fatt li hija attivista fil-grupp '#Occupy Justice'. Qal li huwa ried ikun ċert li r-ritratt huwa wieħed awtentiku u għalhekk kien ikkomunika mal-għaqda #Occupy Justice sabiex jikkonferma jekk kienx minnu li l-attriċi kienet ippużat għal dak ir-ritratt. Ix-xhud qal li kien hemm edukatur partikolari li kien ikkuntattjah, u li kien qallu li simboli bħall-*iswastika* m'għandhom jintużaw fl-ebda kuntest. Ix-xhud qal li meta ġie ppubblikat oriġinarjament ir-ritratt in kwistjoni, huwa ma kienx editur tal-gazzetta. Żied jgħid li fiż-żewġ artikli li dehru ġie spjegat il-kuntest li fih ittieħed ir-ritratt mertu ta' dawn il-proċeduri. Kompla jgħid li l-pożizzjoni tal-gazzetta 'It-Torċa' li huwa editur tiegħu, hija li juru oppożizzjoni għal simboli bħal dak li dehret bih l-attriċi kull fejn jidhru, u li l-gazzetta dejjem jirrapporta istanzi jew imġiba li juru simboli bħal dawn, kif ukoll li l-gazzetta dejjem jirrapporta istanzi ta' mibegħda. Qal li r-rappurtaġġ fil-gazzetta kien wieħed fattwali, u kien jinkludi l-kummenti ta' diversi persuni, u fl-artiklu ma sar l-ebda attakk personali fuq ħadd. Ix-xhud qal li r-ritratt kien diġà ġie ċċirkolat fuq siti pubbliċi, u l-unika ħaġa li għamel hu min-naħa tiegħu kienet li vverifika li dan ir-ritratt kien awtentiku u ma kienx imbagħbas. Ix-xhud qal ukoll li fil-fehma tiegħu dan ir-ritratt kien kontroversjali għaliex qajjem reazzjoni fost diversi membri tal-pubbliku. Qal li l-opinjoni ta' ħafna kienet li simboli bħall-*iswastika* m'għandhomx jintużaw biex wieħed jippoża bihom.

## Is-Sentenza Appellata

8. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-3 ta' Diċembru, 2020, l-Ewwel Qorti kkonkludiet billi ddikjarat li l-pubblikazzjonijiet imsemmija mhumiex diffamatorji fit-termini tal-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u Malafama, laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u konsegwentement ċaħdet it-talbiet attriċi, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Ikkunsidrat;***

*Din hija azzjoni ta' libell istitwita taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama ["l-Att"] (fn. 6 Att XI tal-2018 – Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta). Din il-liġi, li ħadet post il-Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta, ġiet evidentement imfassla b'riproduzzjoni kważi testwali tad-Defamation Act, UK, 2013, li daħlet fis-seħħ fis-sena 2014 u introduċiet diversi kunċetti ġodda fil-liġi tal-malafama, fosthom il-kriterju ta'* serious harm *permezz tal-Artikolu 3(4) tal-Att.*

*Din id-dispożizzjoni tistipola illi **stqarrijiet mhumiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba.***

*Dan ir-rekwiżit ta' ħsara jew potenzjal ta' ħsara serja, introdott għall-ewwel darba permezz tal-liġi l-ġdida fil-Kap. 579, jistabbilixxi* threshold *ferm iktar oneruż u impenjattiv għas-suċċess ta' azzjonijet għal malafama, milli dak li kien rikjest taħt il-Liġi tal-Istampa (fn. 7 Kap. 248). Jingħad ukoll li dan il-kriterju mhuwiex marbut mal-* quantum *tad-danni likwidabbli f'każ li l-istqarrija titqies li hija malafamanti, iżda huwa rilevanti esklussivament għas-suċċess tal-azzjoni, sabiex jiġi determinat jekk l-istqarrija impunjata għandhiex titqies bħala diffamatorja jew le għall-finijiet tal-Att.*

*Il-Qorti tqis ukoll illi l-istħarriġ meħtieġ għall-artikolu 3(4) tal-Att dwar l-element tal-ħsara serja, huwa wieħed li għandu jsir f'kull azzjoni ta' libell istitwita taħt l-Att u dan mill-Qorti* sua sponte *mingħajr il-ħtieġa li titressaq eċċezzjoni* ad hoc *fir-rigward u dan għaliex il-kriterju jinċidi fuq l-azzjonabilità tal-allegat malafama. Dan ifisser illi anke jekk jirriżulta li l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-kontestazzjoni kif prospettati mill-Att, ma jkunux fondati jew altrimenti ma jissodisfawx il-kriterji meħtieġa mil-liġi għas-suċċess tagħhom, l-azzjoni tista' xorta waħda tfalli t-test stabbilit mill-artikolu 3(4) tal-Att jekk*

*jirriżulta illi wara kollox il-pubblikazzjoni ma rrekatx u mhijiex kapaċi li tirreka, ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna li ressqet l-azzjoni.*

*Qabel l-introduzzjoni fis-seħħ tad-Defamation Act UK, 2013,* common law *kienet tesiġi illi sabiex titqies bħala diffamatorja:-*

"... a statement must substantially affect the claimant's reputation ... or have a tendency to do so. ... Tugendhat J. reasoned that a threshold of seriousness was also required to secure conformity with the guarantee of freedom of expression in article 10 of the European Convention on Human Rights (ECHR).

...

"... the requisite threshold was one of substantiality ...: a publication will convey a defamatory meaning if it substantially affects in an adverse manner the attitude of other people towards the claimant, or has a tendency to do so." (fn. 8 Collins, On Defamation, 2014, p. 125).

*Din ukoll kienet il-pożizzjoni taħt ir-reġim legali tal-Liġi tal-Istampa (Kapitolu 248 (fn. 9 Abrogat permezz tal-Att XI tal-2018), iżda wara d-dħul fis-seħħ tal-Att, azzjoni ta' libell għall-fini tal-istess att trid tiġi soġġetta għat-test tas-serjetà tal-ħsara lir-reputazzjoni. Il-Gatley, fil-kummenti tiegħu dwar l-Artikolu 1 tad-Defamation Act UK (fn. 10 On Libel and Slander (2013 Ed.) 2.6, p. 41), jgħid illi l-mera tendenza tal-imputazzjoni li tinċidi negattivament u b'mod sostanzjali fuq ir-reputazzjoni ta' persuna, ma għadhiex iktar suffiċjenti sabiex issostni azzjoni taħt il-liġi l-ġdida, għaliex din introduċiet kriterju ferm iktar oneruż minn hekk. Effettivament, taħt id-Defamation Act 2013 u ugwalment taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama li, kif rajna, jikkonsisti f'riproduzzjoni kważi identika tat-test tal-liġi Ingliża, stqarrija, biex titqies bħala diffamatorja, għandha mhux biss tkun kapaċi li tolqot ħażin lir-reputazzjoni tal-persuna iżda* ***għandha tikkaġuna jew tkun kapaċi li tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni.***

*Fi kliem Collins (fn. 11 On Defamation, 2014 Ed. Page 128 6.56) din ir-regola: "...* operates solely as a threshold for preventing or stopping defamation actions where **the claimant cannot demonstrate that he or she has suffered or is likely to suffer, serious reputational harm**, or, in the case of a body that trades for profit, serious financial loss." [enfasi tal-Qorti]

*Miżmum ferm il-premess, jingħad illi qabel xejn, dak li għandu jiġi kkunsidrat għall-fini li jiġi stabbilit jekk dan il-kriterju huwiex milħuq fil-każ partikolari, huwa jekk il-pubblikazzjoni impunjata kkaġunatx ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna li tressaq*

*l-azzjoni tal-libell, jew jekk fihiex il-propensità li tirreka ħsara serja lir-reputazzjoni tiegħu fil-futur. Dan l-effett huwa rikonstrabbli jekk fil-każ partikolari, il-pubblikazzjoni impunjata,* ***tolqot ħażin u b'mod gravi u sostanzjali l-attitudni ta' persuni oħrajn fil-konfront tas-suġġett tal-malafama b'mod li tikkaġuna jew hi kapaċi tikkaġuna ħsara serja.*** *Fil-ġeneralità tal-każi, għall-fini ta' dan l-istħarriġ ikun jeħtieġ li ssir referenza, fost oħrajn, għan-natura tal-imputazzjoni addebitata bil-pubblikazzjoni impunjata u għall-mezz u l-firxa tal-pubblikazzjoni, kif ukoll għandu jitqies jekk il-kliem humiex kapaċi fil-kuntest partikolari tagħhom, ikunu diffamatorji għal dik il-persuna partikolari. (fn. 12 Collins, On Defamation (2014 Ed.), p. 128 6.56).*

*Skont il-Gatley:-*

*"*... whether a publication has caused or is likely to cause, serious harm is likely to require a careful investigation of facts of the particular case and in particular the inherent gravity of the allegation, the nature and status of the publisher and publishee, the claimant's current reputation and financial position, **and whether similar allegations have been published before."** (fn. 13 Gatley, On Libel and Slander (2013 Ed), p. 41, 2.5) [emfasi tal-Qorti]

*Ikkunsidrat;*

*Issa fil-każ in diżamina, l-essenza tal-ilment tal-attriċi hi li fil-pubblikazzjonijiet impunjati, ir-ritratt tagħha ġie deskritt bħala wieħed kontroversjali mingħajr ebda referenza għall-kuntest li fih kien ittieħed, u ingħata prominenza bħala ritratt kontroversjali fuq il-faċċata ta' żewġ ħarġiet ta' gazzetta popolari, bl-imputazzjoni li hi persuna li tappoġġja n-Nażismu.*

*Kwantu għad-deskrizzjoni tar-ritratt bħala wieħed kontroversjali, il-Qorti tosserva li dan ittieħed waqt li l-attriċi kienet qed iżżomm f'idejha, b'mod evidentement deliberat, żewġ simboli tal-iswastika (fn. 14 Għalkemm fix-xhieda tagħha l-attriċi oġġezzjonat għas-suġġeriment li kienet qed tippoża għar-ritratt in kwistjoni, hi taqbel li r-ritratt ma kienx ittieħed waqt ir-reċtar tal-play innifsu iżda waqt li l-atturi kienu qed jippreparaw biex joħorġu fuq il-palk). Mhux kontestat illi r-ritratt ittieħed mhux fuq il-palk waqt ir-reċta nnifisha, iżda* backstage *waqt il-produzzjoni bl-isem "Allo' Allo!" fl-2009.*

*Il-Qorti tibda biex tosserva li mhix raġonevoli l-aspettattiva tal-attriċi illi kulħadd jifhem u jiftakar li dak ir-ritratt, li* ***fih innifsu imkien ma juri xi rabta speċifika mar-reċta "Allo' Allo!"*** *(fn. 15 Ma saritx allegazzjoni li r-ritratt ġie b'xi mod editjat), kien wieħed li ttieħed f'retroxena ta' produzzjoni komika li ttellgħet fit-Teatru Manoel*

*għaxar snin qabel. Wara kollox, mhux kulħadd għandu memorja ta' jew kien familjari ma' dik il-produzzjoni u għalhekk, il-Qorti ma taqbilx li dan ir-ritratt meħud kif inhu, seta' jintrabat biss mal-produzzjoni "Allo' Allo!" u ma' xejn aktar,* multo magis *diversi snin wara l-produzzjoni li pparteċipat fiha l-attriċi.*

*Għall-Qorti, huwa ovvju li b'din il-poża partikolari, l-attriċi kienet qiegħda inevitabbilment tesponi ruħha għal xi xorta ta' kritika, partikolarment meta wieħed iqis li għad hawn persuni f'bosta setturi tas-soċjetà li għexu, jiftakru jew għandhom xi xorta ta' rabta mas-sofferenzi li ġab miegħu l-massakru u ġenoċidju li seħħ taħt ir-reġim Nażista. Dan fih innifsu huwa biżżejjed biex ir-ritratt jitqies bħala wieħed b'element kontroversjali.*

*Edward Mercieca xehed illi dan ir-ritratt ittieħed:* "backstage ... l-atturi jiżżufjettaw ... waqt li qed tirrilassa qabel titla' fuq il-palk ġieli tieħu xi ritratti ... dan huwa ritratt li juri eżattament hekk." *(fn. 16 fol. 81). Iżda fil-fehma tal-Qorti, il-fatt illi r-ritratt ittieħed* backstage *ma jneħħi xejn mill-element kontroversjali tiegħu. Għall-kuntrarju, jingħad illi l-poża – waqt mument rikrejattiv – bis-simboli tan-Nażismu, tikkostitwixxi appuntu l-element kontroversjali tar-ritratt għaliex huwa fatt notorju fis-soċjetà tal-lum illi ċajt assoċjat mas-simboli ta' ġenoċidju u massakru uman, mhumiex aċċettabbli u* de minimis, *huwa insensittiv.*

*Hawnhekk ma jistax ma jiġix osservat illi mix-xhieda jirriżulta illi* ***r-ritratt kien oriġinarjament imtella' mill-attriċi nnifisha fuq il-paġna tal-Facebook tagħha personali u kien aċċessibbli għall-pubbliku****, tant illi affermat hija stess fix-xhieda tagħha illi* ***l-istess ritratt beda jiġi mxerred fuq mezzi tal-midja soċjali minn terzi persuni fis-sena 2018.*** *Il-Qorti tqis illi l-fatt illi wieħed ikun qiegħed volontarjament itella' fuq il-midja soċjali – l-iktar mezz effettiv ta' komunikazzjoni u disseminazzjoni ta' informazzjoni, opinjonijiet u idejat – ritratti tiegħu nnifsu f'ċertu pożi, konxju tal-iskrutinju tal-pubbliku u tal-kummenti li inevitabbilment sejrin iqanqlu, ifisser illi* ***dik il-persuna għandha taċċetta kritika inkluż dik negattiva, u għandha tittollera espressjonijiet ta' opinjoni anki dawk li xi kultant iniggżu.***

*Huwa minnu illi, kwantu għall-pubblikazzjonijiet impunjati, ir-ritratt ma ġiex ippubblikat mill-konvenut fil-kuntest tar-rappurtaġġ dwar il-produzzjoni tar-reċta nnifisha u li ġie ppubblikat wara t-trapass ta' diversi snin. Iżda ġaladarba r-ritratt ittieħed mhux biss bil-kunsens tal-attriċi iżda kien diġà jinsab ukoll fid-demanju pubbliku, l-attriċi kellha raġonevolment tistenna ċertu grad ta' kritika għan-nuqqas ta' sensittività għall-memorja traġika li jista' jqanqal l-istess ritratt meħud kif inhu, u dan indipendentement mill-kuntest li fih ittieħed ir-ritratt.*

*Ikkunsidrat dan kollu, il-Qorti hi għalhekk tal-fehma illi r-ritratt fih innifsu jista' raġjonevolment jitqies bħala wieħed kontroversjali u li hu kapaċi jqajjem sentimenti ta' rabja jew stmerrija f'ċertu settur tal-popolazzjoni.*

*Ikkunsidrat;*

*L-attriċi fix-xhieda tagħha sostniet ukoll li l-libell jikkonsisti fil-pubblikazzjoni tar-ritratt in kwistjoni,* out of context *jew mingħajr referenza għall-kuntest li kien ġie meħud. Iżda jiġi osservat illi fil-pubblikazzjonijiet impunjati,* ***ir-ritratt ma ġiex ippubblikat waħdu mingħajr ebda aċċenn għall-produzzjoni "Allo' Allo!" u għar-rwol tal-attriċi f'dik ir-reċta.*** *Għall-kuntrarju, minn eżami ħafif taż-żewġ pubblikazzjonijiet, jirriżulta mhux biss li hemm referenza distinta għall-produzzjoni "Allo' Allo!", talli l-pubblikazzjoni tar-ritratt ġiet akkumpanjata minn riproduzzjoni* ***kelma b'kelma (bil-Malti minflok bl-Ingliż) tal-verżjoni sħiħa mogħtija mill-attriċi lill-konvenut dwar ir-retroxena tar-ritratt****, fejn xejnet ukoll l-imputazzjonijiet li hija diġà kienet fil-mira tagħhom (fn. 17 L-attriċi xehdet, "*In twenty eighteen it [ir-ritratt] was being shared stating that I was a Nazi". – fol. 29) *meta l-istess ritratt ġie ċirkolat fuq il-midja soċjali minn terzi persuni qabel il-pubblikazzjoni tal-artikolu tat-18 t'Awwissu, 2019 (fn. 18 L-attriċi xehdet hekk: "... April twenty eighteen ... kelli kwestjoni online ma' Matthew Borg li ma jeżistix, xi ħadd jismu Jes Grima imma ma għandix idea min hu, u Jeffrey Pullicino Orldando ... Now these three people went through my time-line, found this photo and started sharing it online. I went to Facebook and got the photo removed from everywhere and I received a message from these individuals saying:* "You can remove it from Facebook. It is now on our hard drive ... Issa, so I'm suspecting a year and a half later it started doing the rounds again." *F'dan l-isfond, il-Qorti fehmet illi l-pubblikazzjoni tat-18 t'Awwissu, 2019 ma għamlet xejn* ***ħlief qiegħdet ir-ritratt in kwistjoni fil-kuntest imfisser mill-attriċi nnifisha testwalment, u tat pjattaforma lill-attriċi biex tfisser bla tlaqliq u b'mod prominenti l-pożizzjoni u l-verżjoni tagħha.***

*Hawnhekk, b'referenza għal dak li xehdet l-attriċi meta qalet:- "*when the photo is shown without context on the front page of a very popular newspaper, people see the Nazi insigna", *il-Qorti tissenjala li ma taqbilx illi l-qarrej ordinarju li jara r-ritratt ippubblikat fuq il-faċċata, jassoċja lill-attriċi man-Nażismu anke jekk il-qarrej kellu jilmaħ biss ir-ritratt ippubblikat fuq il-faċċata u ma jaqrax l-artikolu sħiħ fuq ġewwa.* ***Dan għaliex it-titolu tal-ewwel artikolu tat-18 t'Awwissu, 2019, anke dak fuq il-faċċata tal-gazzetta, diġà, fih innifsu jwassal lill-qarrejja l-prospett ta'***

***ġustifikazzjoni għat-teħid ta' dak ir-ritratt, bil-kliem: "PIA ZAMMIT TISPJEGA".*** *[emfasi miżjud mill-Qorti]*

*Fir-rigward, ġie ritenut illi fid-determinazzjoni dwar jekk imputazzjoni addebitata permezz ta' artikolu ppubblikat f'gazzetta, għandha ssir referenza għall-artikolu sħiħ u mhux biss għat-titolu jew ir-ritratti li jakkumpanjawh, għalkemm xi qarrejja jistgħu wkoll jifformaw impressjoni mingħajr lanqas jaqraw it-test innifsu tal-artikolu. Fid-deċiżjoni tal-High Court tal-Awstralja fil-każ* ***John Fairfax Publications Pty Ltd v Rivkin****, Callinan J. qal hekk in propositu:-*

"It is true that an article has to be read as a whole. But that does not mean that matters that have been emphasised should be treated as if they have only the same impact or significance as matters which are treated differently. A headline for example, treated pithily and necessarily incompletely, but designed to catch the eye and give the reader a predisposition about what follows, may well assume more importance than the latter ... Layout may create its own impression ... The order in which matters are dealt with can be significant. The capacity of the first paragraph of an article, the intro, to excite the reader's attention is a matter upon which editors place store." (fn. 19 [2003] HCA 50, (2003), 201 ALR 77).

*Fil-każ in diżamina, il-Qorti tqis li l-pubblikazzjoni fuq il-faċċata ta' 'It-Torċa' tat-18 t'Awwissu, 2019, ma tħallix il-qarrej jifforma biss l-impressjoni tal-attriċi tippoża bis-simbolu tan-Nażismu, għaliex tagħmilha ċara minnufih illi l-artikolu fuq ġewwa huwa maħsub biex ifiehem il-pożizzjoni tal-attriċi dwar dak l-istess ritratt. Huwa evidenti li dan mhuwiex każ fejn il-konvenut warrab il-pożizzjoni tal-attriċi għall-korp tal-artikolu, jew iddispona dik l-ispjega għal xi parti oskura tal-istess artikolu, għaliex* ***il-verżjoni tal-attriċi tokkupa l-parti l-kbira tal-pubblikazzjoni.***

*Kwantu imbagħad għall-pubblikazzjoni fil-ħarġa tal-25 t'Awwissu, 2019, din minnufih teskludi anke fit-titolu nnifsu, li r-ritratt jippreżenta xi realtà dwar l-attriċi ("**ċajt** bl-iswastika" (fn. 20 emfasi tal-Qorti)).*

*Ikkunsidrat;*

*Illi l-kwistjoni dwar jekk l-istqarrija impunjata effettivament taddebitax lill-persuna li tagħmel it-talba, l-imputazzjoni lamentata, hija waħda ta' fatt. Fil-każ in diżamina, għalkemm huwa minnu li l-artikolu impunjat jiddeskrivi u jagħti prominenza lir-ritratt tal-attriċi bħala wieħed kontroversjali, liema ritratt kif diġà stabbilit, jista' raġonevolment jiġi hekk deskritt, fil-fehma tal-Qorti il-pubblikazzjoni kif impostata ma tagħmilx imputazzjoni li l-attriċi tħaddan sentimenti Nażisti.* ***Effettivament, fil-***

***pubblikazzjonijiet impunjati, l-attriċi mkien ma ġiet deskritta bħala Nażista jew b'xi mod ieħor għandha rabta ma' jew tappoġġja l-prinċipji Nażisti u fil-fehma tal-Qorti, huwa diffiċli tirraviża x-xorta ta' imputazzjoni li l-attriċi fissret fix-xhieda tagħha*** *(fn. 21* "It-Torċa has ensured that the narrative is Pia Zammit, attivista ta' Occupy Justice, hija Nażista. By ensuring that the photo is out there, they are [c]ementing this status." *Il-Qorti tqis illi huwa* ***l-element tal-insensittività tal-poża u l-ironija tal-kuntrast bejn ir-rwol tal-attriċi bħala persuna li hi involuta fl-amministrazzjoni ta' #OccupyJustice, u l-poża ċajtiera tagħha b'simboli tan-Nażismu,*** *li tinsilet mill-pubblikazzjoni tat-18 t'Awwissu, 2019 (fn. 22 L-artikolu tal-25 t'Awwissu, 2019 ma tagħmel l-ebda referenza għar-rwol tal-attriċi fil-#OccupyJustice), anzicche imputazzjoni li l-attriċi hija Nażista.*

*L-attriċi tikkontendi ulterjorment li l-imputazzjoni fil-pubblikazzjonijiet li hija Nażista, tinsilet mill-fatt illi meta l-istess artikoli ġew ippubblikati fuq mezzi oħrajn tal-midja soċjali, anke tal-konvenut innifsu, dawn xprunaw kummenti ta' tmaqdir minn diversi persuni li tellgħu r-reazzjonijiet tagħhom għar-ritratt tagħha bl-iswastika, fejn ġiet deskritta bħala persuna li tissimpatizza man-Nażisti u bniedma ipokrita u diżgustanti. L-attriċi esebiet* screen shots *ta' bosta kummenti ta' tmaqdir indirizzati fil-konfront tagħha b'rabta mar-ritratt in diżamina, liema kummenti ġew imtellgħin* online *fuq diversi pjattaformi elettroniċi fosthom il-paġna tal-Facebook ta' The Times of Malta (fol. 58), paġna tal-Facebook ta' inewsmalta.com (Dok. MPZ7) u paġna tal-Facebook ta' Tony Zarb (Dok. MPZ9).*

*Fir-rigward il-Qorti tosserva li l-azzjoni ta' malafama istitwita mill-attriċi permezz tar-Rikors promutur f'din il-kawża, hija diretta unikament fil-konfront tal-konvenut Victor Vella u msejsa espressament fuq iż-żewġ artikoli ppubblikati mill-konvenut fil-gazzetta It-Torċa fil-ħarġiet tat-18 t'Awwissu, 2019 u fil-25 t'Awwissu, 2019, annessi mal-istess Rikors promutur, u fuq xejn iktar. L-oġġett tal-malafama f'din il-kawża, kif imfisser speċifikament mill-attriċi nnifisha fir-Rikors promutur, jikkonsisti fl-imsemmija żewġ artikoli u mhux fil-kummenti tal-persuni li jidhru fid-dokumenti minnha esebiti. Inoltre, is-suġġett passiv tal-azzjoni odjerna huwa l-konvenut Victor Vella bħala editur ta' It-Torċa, u mhux dawk il-persuni li tellgħu kummenti offensivi jew il-persuni jew entitajiet li pprovdew il-pjattaforma biex jiġu ppubblikati dawn il-kummenti (fn. 23 Kif jgħid il-Collins in propositu:-* "As the test is an objective one, evidence as to how a statement was actually understood by its recipients is irrelevant in determining the imputation or imputations conveyed by the statement and thus inadmissible."*)*

*Hu minnu li l-pubblikazzjonijiet impunjati setgħu pprovokaw reazzjonijiet li ġew imfissrin f'termini offensivi fil-konfront tal-attriċi, iżda l-***element diffamatorju li jeħtieġ li jiġi riskontrat mill-Qorti bl-applikazzjoni tal-kriterju tal-qarrej ordinarju u mhux il-kriterju tal-qarrej b'aġenda politiku soċjali jew xort'oħra, jew il-qarrej li huwa rappreżentattiv biss ta' settur partikolari tas-soċjetà.** *Inoltre, dan l-element diffamatorju jeħtieġ li jiġi identifikat fil-pubblikazzjoni* ut sic *u mhux fir-reazzjonijiet li din setgħet ipprovokat u lanqas fit-tmaqdir li l-istess ritratt seta' diġa pprovoka fil-passat.*

*Jingħad ukoll fir-rigward:-*

"... regard must be had to the context in which the statement was made and evolving social mores and opinions. Whether a statement is defamatory is assessed by reference to the standards of society as a whole, and not sectional attitudes." *(fn. 24 Collins, ibid. 6.04, p. 116)*

*L-attriċi toġġezzjona għall-fatt illi l-pubblikazzjonijiet impunjati rabtuha mar-rwol tagħha mhux ta' artista, imma ta' persuna konnessa mal-#OccupyJustice u sostniet ukoll illi hija ħassitha intimidata u mdejqa wkoll bil-fatt illi l-konvenut ikkomunika magħha fuq il-Facebook page ta' #OccupyJustice u mhux fuq il-Facebook page personali tagħha.*

*Mhuwiex kontestat illi l-attriċi hija waħda mill-persuni li tamministra dan il-profil fuq Facebook, liema persuni, kif inhuwa magħruf pubblikament, jorganizzaw attivitajiet pubbliċi tas-soċjetà ċivili ("*we fight for truth and justice" (fn. 25 fol. 26)) *b'ideoloġija ferm imbiegħda minn dik tan-Nażismu.*

*Fir-rigward, il-Qorti taqbel li l-imputazzjoni li persuna li hija attiva fis-soċjetà fil-promozzjoni tal-valuri kuntrarji għal dawk tan-Nażismu, hija Nażista jew tissimpatizza mal-ideoloġija tan-Nażismu, tista' tkun kapaċi tirreka ħsara fuq ir-reputazzjoni ta' dik il-persuna. Madankollu, fil-każ in diżamina, kif diġà stabbilit,* ***ma taqbilx illi dik l-imputazzjoni partikolari hija waħda li tinsilet mill-pubblikazzjonijiet impunjati, kif imfasslin.***

*Il-Qorti tqis illi mill-perspettiva tal-qarrej ordinarju, il-pubblikazzjonijiet hekk kif imfasslin, ma jimputawx lill-attriċi li għandha simpatiji Nażisti.* Multo magis *meta, kif rajna, l-artikolu sħiħ tat-18 t'Awwissu, 2019 u parti mill-artikolu tal-25 t'Awwissu, 2019, huwa dedikat għall-pubblikazzjoni tal-kummenti* verbatim *tal-attriċi b'reazzjoni tagħha għall-fatt, del resto inkontestat, illi r-ritratt in kwistjoni kien qed jiġi ċirkolat fuq mezzi tal-midja soċjali u bi spjega taċ-ċirkostanzi li fihom ittieħed ir-ritratt. Il-fatt*

*li fil-pubblikazzjoni tat-18 t'Awwissu, 2019, jinġibed kuntrast ironiku bejn ix-xbieha tal-attriċi tiżżufjetta bl-iswastika f'idejha, u r-rwol tagħha f'#OccupyJustice, ma jfissirx li l-istqarrija hija diffamatorja, kif* ***ma jfissirx lanqas li stqarrija hija diffamatorja sempliċiment għaliex hija nieqsa minn valur ġurnalistiku jew mhijiex ta' interess pubbliku ġenerali.***

*Ikkunsidrat;*

*Kwantu speċifikament għat-**tieni pubblikazzjoni fil-25 t'Awwissu, 2019**, din irrapportat l-opinjoni ta' "edukatur" b'reazzjoni għall-pubblikazzjoni tar-ritratt, kif ukoll riproduċiet għat-tieni darba u fl-intier tagħhom, il-kummenti tal-attriċi rappurtati fl-ewwel pubblikazzjoni tat-18 t'Awwissu, 2019. Il-Qorti ma riskontrat assolutament xejn li jista' jitqies bħala malafamanti għall-attriċi f'din il-pubblikazzjoni jew li jista' jikkaġunalha ħsara, wisq anqas ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha. Il-fehmiet rapportati fil-pubblikazzjoni in kwistjoni għalkemm xprunati mill-kontenut tal-pubblikazzjoni preċedenti u mill-istess ritratt tal-attriċi bl-iswastika f'idejha, jittrattaw b'mod ġenerali l-insensittività tal-użu ta' simbolu li jirrappreżenta massakru uman għall-fini ta' ċajt jew divertiment u l-kontroversja li dan l-użu jqanqal u diversi drabi effettivament qanqal.*

*Din l-istqarrija tal-25 t'Awwissu, 2019 hija, fil-fehma tal-Qorti, xejn ħlief espressjoni ta' kritika ġustifikata f'soċjetà moderna dwar ritratt li fih innifsu huwa kapaċi li jqajjem kontroversja proprju għaliex – kif imfisser ampjament iktar qabel –* ***ittieħed f'qagħda ċajtiera mingħajr il-grad mistenni ta' sensittività li jeħtieġ li jintwera għas-sofferenzi marbutin mas-simboli li jidhru fih.***

*Kif ritenut in tema:-*

"There is a distinction between imputing what is **merely a breach of conventional etiquette,** and what is illegal, mischievous or sinful." (fn. 26 **Clay v. Roberts,** (1863) 8 LT 397 (Ex), 398 (Pollock CB), Collins on Defamation [2014], page 125).

*Ikkunsidrat;*

*Miżmum ferm il-kunsiderazzjonijiet kollha fuq magħmula, il-Qorti tqis illi hija nieqsa l-prova li l-pubblikazzjonijiet impunjati huma ta' xi kalibru li jistgħu jikkawżaw ħsara lir-reputazzjoni tal-attriċi, wisq anqas ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha. Ma ntweriex b'mod sodisfaċenti li dawn il-pubblikazzjonijiet jew waħda minnhom kellhom imqar il-propensità li jipperswadu lill-qarrej ordinarju jemmen li l-attriċi hija attivista tan-Nażismu jew tħaddan simpatiji nażisti, speċjalment meta r-ritratt kien oriġinarjament ippubblikat mill-attriċi nnifisha fuq il-paġna tagħha tal-midja soċjali u*

*meta ma saret l-ebda imputazzjoni ta' din ix-xorta. Il-pubblikazzjonijiet in diżamina, bla dubju, esponew lill-attriċi bħala persuna involuta f'#OccupyJustice li, darba minnhom bħala artista fi produzzjoni drammatika, aċċettat li tippoża għal ritratt ċajtier* backstage *liebsa kostum b'parafernalja Nażista.* ***Madanakollu, dawn m'huma xejn ħlief fatti li, għajr għal element ta' kontroversja, ironija u nuqqas ta' sensittività, ma jimputaw l-ebda realtà partikolari dwar l-attriċi jew xi realtà li hija kapaċi tirreka ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha.***

*B'żieda mal-premess, jingħad ukoll illi ġialadarba hemm qbil illi r-ritratt kien diġà fid-demanju pubbliku, il-pubblikazzjoni tiegħu mill-konvenut ma setgħet qatt tirreka l-ebda ħsara lir-reputazzjoni tal-attriċi,* multo magis *meta, kif diġà ngħad,* ***il-konvenut qiegħed ir-ritratt fil-kuntest li ġie mfisser mill-attriċi nnifisha u meta ta prominenza, sija fl-artikoli*** **akkumpanjanti** ***u sija wkoll fit-titoli tal-pubblikazzjonijiet, lill-verżjoni u l-pożizzjoni tal-istess attriċi.***

*Għall-Qorti, il-fatt illi ritratt li* ***l-attriċi stess tistqarr li waħdu mhuwiex libelluż (fn. 27 fol. 29) u kien diġà ilu jiġi ppubblikat u mxerred fuq mezzi tal-midja soċjali****, ġie mbagħad ippubblikat fuq il-faċċata u fl-intern ta' gazzetta mingħajr ma ġie akkumpanjat b'xi kliem offensiv jew imputazzjoni ta' simpatiji nażisti, illegalità jew immoralità iżda sempliċement bl-ispjega* verbatim *mogħti mill-attriċi nnifisha dwar il-kuntest li fih kien ittieħed dak l-istess ritratt, ma jistax jitqies bħala malafamanti fil-konfront tal-istess attriċi. Mhux biss hija nieqsa l-imputazzjoni mfissra mill-attriċi fix-xhieda tagħha, iżda kif rajna, iż-żewġ pubblikazzjonijiet jirrapportaw esklussivament il-verżjoni tal-attriċi dwar il-kuntest tar-ritratt u l-fehma ta' terza persuna dwar l-implikazzjonijiet tat-teħid u pubblikazzjoni in generali ta' ritratti ppużati li juru simboli ta' Nażismu, u xejn iktar.*

*Miżmumin ferm il-kunsiderazzjonijiet kollha magħmula fir-rigward, il-Qorti tqis illi huwa mankanti l-element ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attriċi u kwindi l-azzjoni ta' libel tfalli irrimedjabbilment.*

*Ikkunsidrat;*

*Stabbilit dan, il-Qorti xorta waħda tħoss li għandha tindirizza l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut, li jilqa' għall-azzjoni tal-attriċi billi jiċħad illi l-istqarrijiet impunjati huma malafamanti, għaliex jikkostitwixxu* value judgment *filwaqt li l-kummenti għandhom jitqiesu bħala* fair comment. *Kwantu għad-difiża ta'* fair comment, *għalkemm kienet kontemplata espressament fil-Kap. 248, din ma ġietx trasposta fil-liġi l-ġdida li sostitwiet l-Att dwar l-Istampa u effettivament ma hijiex prospettata mill-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579). Minflok, l-Att introduċa d-difiża tal-*

"opinjoni onesta" *fl-Artikolu 4(2), liema difiża hija regolata b'diversi dispożizzjonijiet tal-istess Artikolu 4(2) u huma applikabbli għaliha kriterji differenti minn dawk li kienu jirregolaw id-difiża tal-kumment ġust taħt il-Kap. 248. Fi kwalsiasi każ, anke biex tkun ġusta mal-konvenut, il-Qorti sejra tittratta l-eċċezzjoni tal-konvenut ta'* fair comment *bħala difiża ta' opinjoni onesta a tenur tal-imsemmi Artikolu 4(2) tal-Att.*

*Dan jipprovdi:-*

*"*4(2) Hija difiża għal azzjoni ta' malafama li l-konvenut juri li l-kundizzjonijiet li ġejjin ġew sodisfatti:

(a) Id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment hija dikjarazzjoni ta' opinjoni;
(b) Id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment tkun indikat, kemm f'termini ġenerali jew speċifiċi, il-bażi tal-opinjoni;
(c) Li persuna onesta setgħet ikollha dik l-opinjoni abbażi ta' –

    (i) Kwalunkwe fatt li eżista fiż-żmien li fih id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet ippubblikata; jew
    (ii) Kull ħaġa affermata bħala fatt f'dikjarazzjoni privileġġata ppubblikata qabel id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment."

*Illi l-Qorti tibda billi tosserva illi l-pubblikazzjonijiet in diżamina, fl-assjem tagħhom, ma jistgħux jitqiesu ħlief bħala espressjonijiet ta' fehma dwar il-fatt konsistenti fir-ritratt tal-attriċi. Ma ġie imputat l-ebda stat ta' fatt lill-attriċi. Dawn l-istqarrijiet, għalhekk, għandhom jiġu trattati bħala* value judgment *li, għall-fini ta' difiża f'azzjoni ta' malafama, jeħtieġ li jintwera li huma xprunati minn fatti li huma sostanzjalment veri, għalkemm mhux meħtieġ li tiġi ppruvata l-verità tal-fatt:-*

*"*… a careful distinction needs to be made between facts and value judgments. The existence of facts can be demonstrated, whereas the truth of value judgments is not susceptible of proof (see De Haes and Gijsels, cited above, p. 235, §42, and Harlanova v. Latvia (dec.) no. 57313/00, 3 April, 2003).

99. Admittedly, where allegations are made about the conduct of a third party, it may sometimes be difficult, as in the instant case, to distinguish between asertions of fact and value judgments. Nevertheless, even a value judgment may be excessive if it has no fatual basis to support it (see Jerusalem v Austria, no. 26958/95, §43, ECHR 2001-II0." (fn. 28 **Cumpănă and Mazăre v. Romania;** App. 3348/96, deċiż 17 ta' Diċembru, 2004 ECHR).

*Din id-difiża tal-opinjoni onesta tista' titqajjem biss (fn. 29 subartikolu (3) tal-artikolu 4) meta l-persuna aggravata hija persuna pubblika entro t-tifsira mogħtija mis-subartikolu (5), u għas-suċċess tad-difiża jridu jikkonkorru wkoll il-kriterji l-oħrajn kollha elenkati fl-Artikolu 4 tal-Att. Bla dubju, l-attriċi, li kif jirriżulta mid-depożizzjoni tagħha stess (fn. 30 fol. 17, 20) kif ukoll mill-kummenti tagħha riprodotti fil-pubblikazzjonijiet impunjati, hija attriċi professjonali li abitwalment tieħu sehem f'diversi produzzjonijiet teatrali (fn. 31 "*I am an actor, a paid actor. … And as an actor I do what I am asked to do." *Kontro-eżami tal-attriċi, fol. 33). Għaldaqstant, billi l-pubblikazzjonijiet impunjati jikkontjenu r-ritratt tagħha fejn kienet qed tippoża bil-kostum tal-karattru li kienet qiegħda tinterpreta bħala parti minn produzzjoni teatrali u billi dawn evidentement jirreferu għat-twettiq tal-professjoni tagħha bħala attriċi, l-attriċi għandha titqies li hija persuna pubblika għall-fini tad-difiża tal-opinjoni onesta.*

*B'żieda ma' dan, jirriżulta wkoll illi ż-żewġ pubblikazzjonijiet in diżamina fihom riproduzzjoni tar-ritratt tal-attriċi. Dan ir-ritratt huwa l-oġġett ewlieni tal-istqarrijiet mertu tal-azzjoni, bħalma huwa wkoll il-fatt illi l-attriċi tifforma parti minn #OccupyJustice. Dan ifisser illi l-istqarrijiet impunjati jindikaw speċifikament il-bażi tal-opinjoni impunjata u għaldaqstant, ir-rewkiżiti tal-Artikolu 4(2)(b) tal-Att huma wkoll sodisfatti.*

*Kwantu imbagħad għar-rekwiżit (ċ) tal-Artikolu 4(2) tal-Att, ċioe li persuna onesta setgħet ikollha dik l-opinjoni abbażi ta' kwalunkwe fatt li eżista fiż-żmien li fih id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet ippubblikata, il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.*

*Fil-pubblikazzjoni tat-18 t'Awwissu, 2019, l-istqarrija li hija impunjata mill-attriċi bħala diffamatorja tikkonsisti fl-istqarrija tal-konvenut illi r-ritratt ippubblikat huwa "*Ritratt kontroversjali u juri lil Pia Zammit, li hi magħrufa bħala waħda mill-attivisti ta' OccupyJustice, bi Swastika f'idejha." *Diġà ġie stabbilit illi r-ritratt jista' raġonevolment jitqies bħala wieħed kontroversjali għaliex il-qagħda ċajtiera tal-attriċi bl-iswastika f'idejha hija waħda insensittiva oġġettivament u għaliex jeżisti wkoll element ta' ironija meta dan ir-ritratt jitpoġġa fil-kuntest tal-attriċi bħala* ***persuna li hi involuta fl-amministrazzjoni tal-#OccupyJustice.***

*Ferm il-premess, il-Qorti hija tal-fehma illi l-istqarrija tal-konvenut tista', mingħajr wisq diffikoltà, titqies bħala opinjoni ta' persuna onesta kif jeħtieġ l-Artikolu 4(2)(ċ)(i) tal-Kap. 579.*

*Għall-kompletezza, il-Qorti tissenjala wkoll illi ma ġiex ippruvat illi l-konvenut ma kellux dik l-opinjoni u kuntrarjament għal dak allegat fir-Rikors promutur, lanqas intwera sodisfaċentement illi l-pubblikazzjoni tar-ritratt saret malizzjożament. Għall-kuntrarju, jirriżulta illi fiż-żmien li ġew ippubblikati l-istqarrijiet in kwistjoni, ir-ritratt tal-attriċi kien qed jiġi mxerred fuq il-pjattaforma soċjali Whatsapp: fatt li wkoll ġie żvelat fil-pubblikazzjonijiet impunjati f'din il-kawża. Dan mhuwiex kontestat mill-attriċi li stqarret hija stess li l-istess ritratt kien diġà ġie ċirkolat fuq mezzi oħrajn tal-midja soċjali f'April 2018.*

*Fir-rigward, il-Qorti tqis illi ma ġiex ippruvat sodisfaċentement illi l-konvenut kien jaf bit-tixrid tar-ritratt sena qabel u l-konvenut innifsu xehed illi fl-2009, meta ġie ppubblikat l-artikolu dwar ir-reċta "Allo' Allo!" fil-gazzetta it-Torċa fl-2009 (Dok. MPZ2), huwa ma kienx l-editur tal-gazzetta. Xehed ukoll illi hu kien ġie mdaħħal ġewwa sub-group fuq il-pjattaforma Whatsapp, fejn beda jiġi ċirkolat ir-ritratt tal-attriċi u fost ħafna kummenti dwaru, intqal li l-persuna li tidher fir-ritratt hi attivista tal-OccupyJustice. Il-konvenut spjega illi peress li ma kienx jaf jekk ir-ritratt kienx awtentiku jew jekk kienx ġie mimsus, hu bagħtu direttament lill-paġna tal-Facebook ta' OccupyJustice biex jitlob il-kummenti tagħhom dwar il-kuntrast li huwa pperċepixxa bejn l-emblema murija fir-ritratt tal-attriċi u l-messaġġ tal-Occupy Justice. L-attriċi, meta xehdet in kontro-eżami, qablet mas-suġġeriment li sarilha illi l-konvenut talab għall-kumment min-naħa tal-OccupyJustice, biex il-pożizzjoni ta' kulħadd tkun rapportata espressament (fn. 32 fol. 40).*

*Kwantu għall-pubblikazzjoni fil-ħarġa ta' It-Torċa tal-25 t'Awwissu, 2019, il-konvenut xehed kif in segwitu għall-pubblikazzjoni tar-ritratt u l-kummenti tal-attriċi fil-ħarġa tal-gazzetta tat-18 t'Awwissu, 2019, huwa ġie kkuntattjat minn edukatur li talab li jiġi pubblikat il-fehma tiegħu illi s-simboli ta' mibegħda ma għandhom qatt jiġu ppubblikati għal ebda raġuni li jkun. Diġà ġie stabbilit illi din hija espressjoni ta' Kritika ġustifikata f'soċjetà moderna dwar ritratt li fih innifsu, huwa kapaċi li jqajjem kontroversja proprju għaliex ittieħed f'qagħda ċajtiera mingħajr il-grad mistenni ta' sensittività għas-sofferenzi marbutin mas-simboli li jidhru fih. Għaldaqstant, jirriżulta illi din l-istqarrija wkoll tikkostitwixxi espressjoni ta' opinjoni onesta għall-finijiet tal-Artikolu 4(2) tal-Att, liema opinjoni għaldaqstant tissodisfa l-kriterji kollha għas-suċċess tad-difiża sollevata mill-konvenut.*

***<u>Decide</u>***

***Għal dawn il-motivi kollha, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi li filwaqt li tqis li l-pubblikazzjonijiet imsemmija fir-Rikors promutur mhumiex diffamatorji fit-termini***

***tal-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u Malafama, tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u konsegwentement, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi."***

## L-Appell

9. Permezz tar-rikors tal-appell intavolat fil-21 ta' Diċembru, 2020, l-appellanta talbet lil din il-Qorti,

> *"... tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-3 ta' Diċembru, 2020 billi wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat appellat, tilqa' t-talbiet attriċi – bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu."*

10. L-appellanta spjegat li hija tħossha aggravata bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti għaliex fil-fehma tagħha din għamlet evalwazzjoni skorretta tal-provi, kif ukoll għamlet interpretazzjoni skorretta tal-liġi. L-appellanta qalet li mill-provi rriżulta li hija kienet ħadet sehem fil-produzzjoni bl-isem "Allo' Allo!", li kienet ittellgħet fit-Teatru Manoel fl-2009, u meta ttellgħet din il-produzzjoni, il-gazzetta 'It-Torċa', li fiha dehru l-artikli li l-appellanta tqis li kienu diffamatorji fil-konfront tagħha, kienet għamlet *review* tal-produzzjoni u ħeġġet lill-pubbliku jattendi għaliha. L-appellanta spjegat ukoll li wara l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia, hija saret attivista fi *pressure group* bl-isem #OccupyJustice, iffurmat minn għadd ta' nisa bl-għan li jagħmlu pressjoni ħalli f'pajjiżna ssaltan ir-*rule of* law. L-appellanta qalet li l-istqarrijiet ta' #OccupyJustice ħafna drabi huma kritiċi tal-Gvern tal-ġurnata, filwaqt li allegat li l-gazzetta 'It-Torċa' tappoġġja lill-Gvern tal-ġurnata. Qalet li ftit ġranet qabel il-pubblikazzjoni tal-artikli in kwistjoni, l-appellat kien bagħat kopja tar-ritratt in

kwistjoni flimkien ma' mistoqsija, fl-*inbox* tal-*Facebook* ta' #OccupyJustice fejn staqsa jekk il-messaġġ mgħoddi fir-ritratt huwiex konformi mal-messaġġ ta' #OccupyJustice, u talab tweġiba f'dan ir-rigward. L-appellanta qalet li hija kienet bagħtet ir-risposta tagħha fejn spjegat li r-ritratt, li kien ittieħed *backstage* fit-Teatru Manoel, juri lilha liebsa kostum ta' parti li hija kellha fil-produzzjoni in kwistjoni u li kienet ittellgħet madwar ħdax-il sena qabel. Qalet ukoll li r-ritratt in kwistjoni ġie ppubblikat erba' darbiet b'kollox, u dan ir-ritratt li l-appellanta ddeskriviet bħala '*candid',* juri lilha *backstage* waqt id-*dress rehearsal* li kienet saret qabel bdiet il-produzzjoni nnifisha. L-appellanta qalet li fl-artiklu tat-18 t'Awwissu, 2019, minkejja li l-appellat kien ingħata spjegazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi li fihom ittieħed ir-ritratt, hija ma ġietx deskritta bħala 'attriċi', iżda bħala attivista ta' #OccupyJustice, u fil-ħarġa ta' It-Torċa tal-Ħadd ta' wara, filwaqt li ġiet rappurtata l-fehma ta' edukatur li qal li r-riproduzzjoni tal-iswastika hija offensiva u diżgustanti, reġa' ġie ppubblikat l-imsemmi ritratt taghha fl-ewwel faċċata u f'paġna 7 tal-gazzetta, u f'dik il-ħarġa l-appellanta ġiet deskritta għal darb'oħra bħala attivista ta' #OccupyJustice u mhux bħala attriċi. L-appellanta żiedet tgħid li sabiex jintlaħaq l-akbar numru ta' qarrejja possibbli, iż-żewġ artikli u r-ritratt ġew riprodotti wkoll tliet darbiet *online* fil-paġna personali ta' *Facebook* tal-appellat, kif ukoll fuq is-sit iNews Malta. L-appellanta spjegat li r-ritratt ġie elevat minn fuq il-paġna ta' *Facebook* ta' xi ħaddieħor u mhux mill-paġna tagħha, u wara l-pubblikazzjonijiet mertu ta' din il-kawża, dehru diversi artikli u kummenti negattivi dwarha, li essenzjalment kollha jgħidu li l-appellanta messha tistħi tissimpatizza man-Nażismu u li hija ipokrita.

11. L-appellanta qalet li l-Ewwel Qorti bbażat il-konsiderazzjonijiet tagħha fuq il-fatt li oriġinarjament dan ir-ritratt kien ittella' mill-appellanta nnifisha fuq il-paġna tagħha ta' *Facebook,* u li dan ir-ritratt kien aċċessibbli għall-pubbliku. L-Ewwel Qorti qalet ukoll li għalhekk l-appellanta għandha taċċetta l-kritika li saritilha, inkluż dik negattiva, u li għandha tittollera l-espressjonijiet ta' opinjoni li saru fil-konfront tagħha. L-appellanta qalet li fattwalment mhuwiex minnu li oriġinarjament ir-ritratt kien ittella' fuq il-paġna tagħha ta' *Facebook.*

12. L-appellanta qalet li l-identifikazzjoni jew l-assimilazzjoni ta' persuna man-Nażismu[1] hija diffamatorja, u altru li tali diffamazzjoni tikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni tal-individwu kif jitlob il-Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalet li kull min jafha jaf li hija bl-ebda mod ma tissimpatizza ma' ideoloġiji Nażisti, u dak li hija tgħix fil-ħajja privata u pubblika tagħha bl-ebda mod ma jista' jiġi miftiehem jew interpretat bħallikieku hija xi simpatizzanti tal-ideoloġija Nażista. L-appellanta qalet li kuntrarjament għal dak allegat fil-konfront tagħha, l-azzjonijiet u l-kliem tagħha dejjem huma favur is-saltna tad-dritt u d-demokrazija. Qalet li meta jibda jsir taħlit bejn il-ħajja privata ta' individwu, mal-personaġġi li xi ħadd bħall-appellanta jinterpreta fuq il-palk, tibda perversità fejn il-persuna reali tibda titħallat mal-persuna teatrali. Qalet ukoll li meta tingħad nofs verità f'kuntest appożitament żbaljat, tintlaħaq il-quċċata tal-perverżjoni. L-appellanta qalet li l-fatt li l-appellat għażel li jippubblika r-ritratt mertu ta' dawn il-proċeduri, u iżolah mill-kuntest oriġinali tiegħu sabiex iwassal

[1] Deskritta mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet Dr Alfred Sant vs. Joe Micallef, Deċiża 10.01.2003, bħala *"era illi hija ben magħrufa għal ħruxijiet, gwerrer u atroċitajiet oħra li ġew kommessi f'isem in-Nażismu. Bir-raġun l-attur ħassu nġurjat b'din l-identifikazzjoni u assimilazzjoni".*

għal konklużjoni diversa, m'huwa xejn għajr perverżjoni tal-verità u *logical fallacy* lampanti. L-appellanta qalet li permezz tal-pubblikazzjoni tagħha, il-gazzetta It-Torċa segwiet u ppromwoviet il-loġika li ladarba l-iswastika hija xi ħaġa moqżieża, u ladarba Pia Zammit liebsa swastika, mela allura Pia Zammit għamlet xi ħaġa moqżieża u hija bniedma moqżieża hija wkoll. L-appellanta qalet li huwa assurd li din il-linja ta' loġika tifforma l-bażi biex fuqha tirnexxi d-difiża tal-appellat. Qalet li l-fatt waħdu li hija kienet liebsa dak l-ilbies, ma kellux iwassal lill-appellat għal *value judgment* ibbażat fuq fatt sostanzjalment korrett, iżda b'konklużjoni perversa u magħmula malizzjożament biex tħammeġ u ġġib lill-appellanti fl-istmerrija tal-pubbliku b'mod ġenerali. L-appellanta qalet li *value judgment* jew *fair comment* mhuwiex biżżejjed li jkun imsejjes fuq fatt jew serje ta' fatti, imma trid tkun imsejsa fuq opinjoni onesta u mhux fuq malizzja. Hija kompliet tgħid li l-pubblikazzjoni ripetuta tar-ritratt tagħha, meta l-appellat kien jaf eżattament f'liema ċirkostanzi ttieħed dan ir-ritratt, m'għandu jħalli l-ebda dubju dwar l-intenzjoni malizzjuża tal-appellat.

13. L-appellanta qalet li meta l-appellat bagħat l-*email* bir-ritratt lil #OccupyJustice, huwa staqsa jekk ir-ritratt kienx konformi mal-messaġġ tal-#OccupyJustice, u li dan juri li l-appellat kien konxju li r-ritratt kien fih messaġġ u li dan il-messaġġ kien li l-appellanta tħaddan jew almenu tissimpatizza mal-ideoloġija Nażista, kif ukoll li dan il-messaġġ mhux konformi mal-messaġġ tal-#OccupyJustice. L-appellanta qalet li għalhekk, fil-fehma tagħha, il-pubblikazzjoni għal erba' darbiet tar-ritratt waħdu b'isimha, kellu jwassal dan il-messaġġ lill-qarrejja tal-gazzetta mingħajr il-ħtieġa ta' ebda kitba oħra.

14. L-appellanta qalet li l-imsemmi ritratt intuża u ġie ppubblikat b'mod sottili, iżda b'malizzja kbira, u fil-ħarġa tat-18 t'Awwissu, 2019 ir-ritratt ġie ppubblikat b'messaġġ li *prima facie* jidher 'innoċenti'. L-appellanta qalet li sa minn qabel l-ewwel pubblikazzjoni, l-appellat kellu spjegazzjoni li l-appellanta kienet liebsa kostum ta' personaġġ fi produzzjoni teatrali li ttellgħet ħdax-il sena qabel, iżda minkejja dan, la taħt ir-ritratt u lanqas fil-bidu tal-artiklu li ġie ppubblikat, ma jissemma l-fatt li dak li kien qiegħed jiġi ppreżentat lill-qarrejja kien ritratt tal-appellanta fi produzzjoni teatrali li ttellgħet ħdax-il sena qabel, jew il-fatt li l-appellanta hija attriċi.

15. L-appellanta kompliet tgħid li l-iskop malizzjuż tal-intimat deher aktar fil-ħarġa tal-25 t'Awwissu, 2019 minħabba li l-istess ritratt deher fl-ewwel faċċata u f'paġna 7 tal-gazzetta, u kien hemm ukoll artiklu minn 'edukatur' anonimu li spjega li l-iswastika hija simbolu ta' ideoloġija diabolika li ġabet massakru uman, u li hemm min għadu jħossu offiż u diżgustat jara lil min jippoża bl-iswastika, anki jekk biċ-ċajt. L-appellanta qalet li ladarba r-ritratt ittieħed barra mill-kuntest teatrali tiegħu, dan sar 'kontroversjali', iżda fil-kuntest veru li ttieħed fih dan ma kienx kontroversjali. Qalet ukoll li l-iskop tal-pubblikazzjoni tal-intimat kienet li jintimida u jattakka lilha, billi jassoċjaha ma' ideoloġija despikabbli u orrenda.

16. L-appellanta qalet li fil-fehma tagħha l-Ewwel Qorti adottat linja simplistika għall-aħħar meta kkonsidrat li dan ir-ritratt vera juri lil Pia Zammit, u ladarba Pia Zammit kellha l-iswastika fuq il-kostum li kienet liebsa, dan ifisser li l-kummenti tal-appellat huma *fair.* L-appellanta qalet li filwaqt li huwa minnu li

l-Kap. 579 għolla l-livell ta' diffamazzjoni minn kif kien qabel taħt il-Kap. 248, id-definizzjoni ta' 'pubblikazzjoni' baqgħet l-istess, u fiż-żewġ liġijiet libell jista' jsir anki 'b'immaġni viżwali' mingħajr il-bżonn ta' kliem. L-appellanta qalet li filwaqt li l-appellat ra l-messaġġ li kien fih ir-ritratt li ntuża, l-Ewwel Qorti naqset milli tara dan il-messaġġ, u dan kuntrarjament għal numru ta' qarrejja u persuni li ħassew li għadhom jikkummentaw negattivament u jmaqdru lill-appellanta. L-appellanta kompliet tgħid li f'każ li l-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti hija korretta, wieħed ma jistax jispjega r-raġuni għalfejn gazzetta popolari ta' nhar ta' Ħadd tagħżel li tippubblika r-ritratt tagħha fuq żewġ faċċati, meta r-ritratt la għandu messaġġ u lanqas storja.

17. L-appellanta qalet li f'dan il-każ il-verità tmur lil hinn mis-sempliċi fatt li hija libset kostum bi swastika waqt produzzjoni teatrali. Qalet li dan mhux każ fejn opinjoni ġiet iffurmata b'mod validu u mħaddna fuq il-bażi ta' fatti sostanzjalment korretti, iżda waħda fejn il-verità ġiet mgħawġa u ntużat bħala għodda kontra l-appellanta sabiex tikkastigaha għall-attiviżmu tagħha fil-grupp #OccupyJustice. L-appellanta qalet li meta l-verità titgħawweġ u tinqaleb b'tali mod li tħeġġeġ lill-qarrej jasal għal opinjoni manifestement ħażina u malinna, dik l-assurdità ma tistax raġonevolment tintlaqa' u tiġi aċċettata mill-Qrati. L-appellanta kompliet tgħid li f'dan il-każ l-Ewwel Qorti kellha tkun ferm aktar skjetta u kellha ssejjaħ il-perversità fl-artiklu għal dik li kienet. L-appellanta qalet li d-dritt għal-libertà tal-espressjoni tal-appellat ma kellux jinkludi d-dritt li l-verità tiġi mgħawġa, li l-fatti jinqalgħu mill-kuntest tagħhom, u li l-fatti jintużaw bħala arma biex isawtu lill-appellanta. L-appellanta qalet li l-ġustizzja tesiġi li l-

verità tiġi rikonoxxuta u kkonfermata qabel kollox, u li l-perversità u l-assurdità jitwarrbu.

18. L-appellanta qalet li filwaqt li l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti huma imsejsa sabiex il-libertà tal-espressjoni tkun aktar liberali, fil-verità s-sentenza twassal messaġġ oppost, u qiegħda sservi bħala ċensura għall-atturi. Qalet li f'każ li l-messaġġ wara din id-deċiżjoni jsir ġurisprudenza, kull attur ser jibda jagħmel konsiderazzjonijiet serji qabel jagħżel li jirrappreżenta personaġġ b'konnotazzjonijiet negattivi f'reċta fuq il-palk, għaliex ikun qiegħed ipoġġi lilu nnifsu f'riskju li jesponi ruħhu għal denigrazzjoni u defamazzjoni fil-ħajja reali tiegħu jew tagħha. L-appellanta temmet ir-rikors tal-appell tagħha billi qalet li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti toħloq preċedent ikraħ għall-arti in ġenerali f'pajjiżna għaliex thedded serjament il-libertà li wieħed jattakka l-ħażen permezz tal-ironija u r-redikolu, li aktarx huma l-aktar metodi effettivi fl-arti kif isir dan.

**Ir-Risposta tal-Appell**

19. L-appellat wieġeb li sabiex l-appellanta ssostni l-azzjoni tagħha, fir-rikors tal-appell tagħha, hija timbotta n-narrattiva li l-artikli in kwistjoni jassoċjawha man-Nażismu. Qal li fil-fatt, ir-rikors tal-appell tagħha huwa ċaħda ta' tali assoċjazzjoni, u l-appellanta tgħid li hija bl-ebda mod ma tissimpatizza ma' din l-ideoloġija, u huwa għalhekk li hija ssostni li ġiet malafamata. L-appellat qal li l-ebda parti mill-artikli ppubblikati fil-ġurnal li huwa l-editur tagħha, ma jgħid

hekk. Qal li l-appellanta qiegħda tilmenta mill-fatt li l-pubblikazzjonijiet in kwistjoni ġabu ritratt tagħha li jirriproduċi b'mod sħiħ dak li seħħ quddiem il-lenti, u li juru l-verità dwar dak li seħħ. Qal li ir-ritratt in kwistjoni juri lill-appellanta, li bl-ebda mod m'hija tallega li r-ritratt ġie mbagħbas jew li mhux veritier. Qal ukoll li lanqas il-kuntest tar-ritratt m'huwa kkontestat, għaliex dan mhux ritratt meħud waqt ir-reċta jew ritratt *candid* meħud *backstage,* iżda huwa ritratt intenzjonat, bl-appellanta tħares direttament lejn il-lenti waqt li tippoża bl-iswastika. L-appellat qal li mill-artikli nfushom, wieħed ma jasalx u ma jistax jasal għal xi konklużjoni dwar l-ideoloġija li tħaddan l-appellanta, iżda li persuna tippoża u tiżżufjetta bis-simbolu tan-Nażismu hija xi ħaġa minnha nfisha kontroversjali, li ġġiegħel lill-pubbliku jieħu interess fiha u jikkummenta dwarha. L-appellat qal li tali opinjoni ma tkunx neċessarjament dwar l-ideoloġija ta' min jippoża jew jiżżufjetta b'simboli nażisti, iżda dwar il-ġudizzju jew in-nuqqas ta' ġudizzju li tkun eżerċitat il-persuna li ġġib ruħha b'dak il-mod. L-appellat qal li dan kollu huwa oġġettivament kontroversjali, u huwa aktar kontroversjali meta persuna pubblika u politikament attiva taġixxi b'mod li persuni jqisu li huwa insensittiv.

20. L-appellat qal li l-appellanta kellha kull dritt li tippoża b'simbolu tan-Nażismu kemm fuq il-palk u anki *backstage.* Qal li d-dritt artistiku ta' produzzjoni teatrali bl-ebda mod m'għandu jittiefes jew jixxekkel, bl-istess mod kif m'għandux jiġi mxekkel id-dritt tal-appellanta li tiżżufjetta bl-iswastika wara l-palk. Qal iżda li daqstant ieħor kellu dritt l-artikolist li jippubblika r-ritratt mill-ġdid u jagħmel parallelli ma' kontroversji oħra fejn is-simboli nażisti intużaw leġġerment u 'l barra mill-kuntest oriġinali u storiku tagħhom. L-appellat

ikkonkluda billi qal li l-fatt li l-gazzetta li tagħha huwa l-editur ippubblika ritratt bil-*caption* ‘*Ritratt kontroversjali ... Pia Zammit tispjega’*, bi stqarrija sħiħa tal-appellanta li tat il-kuntest għar-ritratt, flimkien mal-kummenti ta’ edukatur li qal li l-użu ta’ tali simboli anki f’kuntest ta’ kummiedja jista’ joffendi lil xi persuni, la huwa libelluż u lanqas malafamanti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanta, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mill-appellat u anki tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

*L-ewwel aggravju: [evalwazzjoni skorretta tal-provi da parti tal-Ewwel Qorti]*

22. L-appellanta tgħid li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti għaliex ibbażat uħud mill-konsiderazzjonijiet tagħha fuq il-fatt li r-ritratt in kwistjoni oriġinarjament ittella’ mill-appellanta nnifisha fuq il-paġna tagħha ta’ *Facebook*, u kien magħmul aċċessibbli għall-pubbliku minnha stess, bil-konsegwenza li l-appellanta kellha taċċetta l-kritika li saritilha għal dan ir-ritratt. L-appellanta qalet li din il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti mhijiex veritiera għaliex ir-ritratt in kwistjoni ġie elevat minn fuq il-paġna ta’ *Facebook* ta’ terzi, u għalhekk il-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti f’dan ir-rigward mhumiex korretti.

23. Il-Qorti kkonsidrat li l-appellanta fid-depożizzjoni tagħha kkonfermat li *"... dan ir-ritratt li huwa front page ukoll huwa meħud minn Facebook. Mhux mit-timeline tiegħi."* Però l-appellanta waqt il-kontro-eżami li sarilha waqt l-istess udjenza mill-avukat difensur tal-appellat, qalet *"[n]ow these three people went through **my timeline**[2], found this photo and started sharing it online. I went to Facebook and got the photo removed from everywhere and I received a message from these individuals saying: 'You can remove it from Facebook. It is now on our hard drive.' End of story."*

24. Din il-Qorti tqis illi l-Ewwel Qorti għamlet analiżi korretta tal-provi meta kkonkludiet li r-ritratt in kwistjoni ġie elevat minn fuq il-paġna ta' *Facebook* tal-appellanta. L-impressjoni li tat l-appellanta waqt id-depożizzjoni tagħha u l-kontro-eżami li sarilha, kienet li r-ritratt in kwistjoni ittella' minnha stess fuq it-*timeline* tagħha, bl-istess mod kif ittellgħu ritratti oħra tagħha f'partijiet varji li hija interpretat bħala attriċi. L-appellanta qalet li wara li saret taf li dan ir-ritratt kien qiegħed jiġi distribwit minn terzi għall-iskopijiet tagħhom, hija rat kif għamlet u neħħiet dan ir-ritratt mid-dominju pubbliku, anki jekk, kien tard wisq, għaliex kien hemm min żamm kopja ta' dan ir-ritratt għall-iskopijiet tiegħu, kif jirriżulta mix-xhieda tal-appellanta nnifisha. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta wara li eżaminat il-provi kollha, qieset li kienet l-appellanta nnifisha li qassmet dan ir-ritratt fuq il-profil tagħha ta' *Facebook.* Il-Qorti tista' tieqaf hawn fl-evalwazzjoni tagħha ta' dan l-aggravju, għaliex jidhrilha li mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

---

[2] Emfasi tal-Qorti.

*It-tieni aggravju:* *[aggravji dwar dritt]*

25. L-appellanta qalet li l-fatt li fl-artikli mertu ta' dawn il-proċeduri hija ġiet assoċjata jew identifikata man-Nażismu, ċertament li kkawża ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha, u għalhekk dak li seħħ jissodisfa r-rekwiżit tal-liġi dwar x'jikkostitwixxi libell, billi l-artikli in kwistjoni kkawżaw ħsara serja jew jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha.[3] Qalet li kull persuna li tafha fil-ħajja privata tagħha, m'għandha l-ebda dubju li n-Nażismu huwa ferm 'il bogħod mit-twemmin u l-ideoloġiji kollha li tħaddan hi, u meta jsir taħlit bejn il-ħajja reali tal-individwu u l-karattru li dan jinterpreta fuq palk, ikun hemm perversità, partikolarment meta biex jitwassal il-messaġġ jintqalu nofs veritajiet. Qalet li l-fatt li l-appellat ippubblika r-ritratt tagħha u iżolah mill-kuntest tiegħu sabiex iwassal għall-konklużjoni li ried jilħaq hu, m'hija xejn għajr perverżjoni tal-verità, u l-appellat uża r-ritratt in kwistjoni sabiex iħammeġ u jġib lill-appellanta fl-istmerrija tal-pubbliku. L-appellanta qalet ukoll li l-fatt li l-appellat uża r-ritratt tagħha b'mod ripetut, juri l-intenzjoni malizzjuża tiegħu, u meta l-appellat bagħat *email* lil #OccupyJustice sabiex jara jekk il-messaġġ li jwassal ir-ritratt in kwistjoni huwiex konformi mal-messaġġ ta' dan il-grupp ta' attivisti, għamel dan għaliex kien jaf li r-ritratt kien fih messaġġ. L-appellanta qalet li anki jekk ir-ritratt in kwistjoni kellu messaġġ sottili, dan xorta waħda intuża b'malizzja kbira, u kien intiż biex iwassal il-messaġġ li minkejja li l-appellanta hija attivista ta' #OccupyJustice, hija tħaddan ideoloġiji despikabbli u orrendi.

[3] L-artikolu 3(4) tal-Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta.

26. Il-Qorti sejra tibda billi tagħmel xi osservazzjonijiet dwar il-fatt li l-appellant fl-*email* tiegħu talab il-pożizzjoni tal-grupp #OccupyJustice dwar jekk ir-ritratt in kwistjoni huwiex konformi mal-għanijiet ta' dan il-grupp ta' attivisti. Kienet l-appellanta stess li tat it-tweġiba tagħha għal din il-mistoqsija tal-appellat, u li spjegat li r-ritratt in kwistjoni ttieħed *backstage* waqt *dress rehearsal* qabel ittellgħet il-produzzjoni teatrali tal-BBC Comedy 'Allo' Allo!' Minn qari tal-artikli mertu ta' dawn il-proċeduri, ma jirriżultax li l-appellat b'xi mod ipprova jattribwixxi lill-appellanta simpatiji ma' ideoloġiji Nażisti. L-artiklu tat-18 t'Awwissu, 2019 fih biss l-istqarrija tal-appellanta u l-ispjega tagħha tal-kuntest li fih ittieħed ir-ritratt in kwistjoni, filwaqt li l-artiklu tal-25 t'Awwissu, 2019 fih ukoll opinjoni ta' 'edukatur', liema edukatur ma ġiex identifikat b'ismu, li kien tal-fehma li ħadd m'għandu jiżżufjetta b'simboli li għal sezzjoni ta' nies fis-soċjetà tagħna għadhom assoċjati ma' atroċitajiet kbar u mal-aktar reati serji li qatt ġraw kontra l-umanità. L-Ewwel Qorti evalwat l-artikli in kwistjoni u stabbiliet li r-retroxena għar-ritratt u l-verżjoni tal-appellanta jokkupaw il-parti l-kbira tal-ewwel artiklu, u l-appellanta fl-ebda waqt ma ġiet deskritta bħala Nażista jew b'xi mod ingħatat l-impressjoni li hija tħaddan simpatiji bħal dawn. L-Ewwel Qorti kkonkludiet ukoll li l-fatt li kien hemm terzi li kkummentaw b'mod dispreġattiv dwar ir-ritratt u/jew l-artikli in kwistjoni, ma kellux iwassal għall-konklużjoni li l-artikli tal-appellat fihom nnifushom huma diffamatorji, għaliex il-mertu tal-azzjoni odjerna huma ż-żewġ artikli ppubblikati mill-appellat u mhux ir-reazzjonijiet tal-pubbliku għalihom.

27. Il-Qorti, filwaqt li taqbel ma' dawn l-osservazzjonijiet tal-Ewwel Qorti dwar il-kontenut tal-artikli ppubblikati, u anki tasal biex tagħmilhom tagħha, fl-

istess ħin tirritjeni li l-mertu ta' din l-azzjoni, u r-raġuni għalfejn l-appellanta ħassitha aggravata b'dak li ġie ppubblikat, ma kienx il-kontenut tal-artikli li ġie ippubblikat, imma l-fatt li ritratt partikolari tal-appellanta, intuża barra mill-kuntest oriġinali li ttieħed fih u ġie ppubblikat f'żewġ ħarġiet differenti bi prominenza fil-faċċata u fil-paġni ta' ġewwa f'ġazzetta ta' nhar ta' Ħadd 'It-Torċa' bi skop malizzjuż. Il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ l-appellat uża immaġni, ċjoé ritratt, barra mill-kuntest oriġinali li ittieħed fih madwar ħdax-il sena qabel, b'mod li nħolqot tifsira jew narrattiva ġdida abbinata ma' dik l-immaġni, dik li f'termini letterarji tissejjaħ '*re-presentation'*. Ir-ritratt in kwistjoni kien ikun qiegħed jintuża fil-kuntest li ttieħed fih, li kieku ntuża biex jakkumpanja reċensjoni teatrali ppubblikata fil-gazzetta, jew sabiex jakkumpanja kitba li tħajjar lill-pubbliku jattendi għall-imsemmija produzzjoni. Imma f'dan il-każ ritratt li ttieħed fl-2009, intuża bħala parti minn artikli li ġew ppubblikati fl-2019, għaxar snin wara, taħt il-kolonna intitolata 'Lokali/Opinjoni' fil-gazzetta 'It-Torċa', u fejn l-appellanta tispjega li l-fatt li hija kellha rwol fi produzzjoni teatrali fejn dehret liebsa l-uniformi tan-Nażisti, m'għandu x'jaqsam xejn mal-valuri tagħha u mal-attiviżmu tagħha fis-soċjetà ċivili. Dak li seħħ f'dan il-każ huwa dak li f'termini letterarji jissejjaħ *displacement of meaning,* fejn l-immaġni li ntużat tneħħiet mill-kuntest oriġinali tagħha u ġiet ripożizzjonata f'kuntest totalment differenti bl-għan li jiġi suġġerit, jew aħjar tingħata l-interpretazzjoni intenzjonata mill-appellat, lil hinn mis-sinifikat oriġinali tar-ritratt. Mingħajr dubju ta' xejn, il-messaġġ li ried iwassal l-appellat kien li l-appellanta li hija attivista fil-grupp #OccupyJustice, hija persuna li ma tiddejjaqx tiżżufjetta bl-*iswastika,* u li għalhekk hija insensittiva għall-ħruxijiet u l-

atroċitajiet li ġab miegħu n-Nażismu. Il-messaġġ li ried jgħaddi l-appellat bil-pubblikazzjoni ripetuta erba' darbiet tar-ritratt in kwistjoni, għal kollox barra mill-kuntest ta' meta ttieħed u madwar għaxar snin wara li ttieħed, kien li l-appellanta hija persuna ipokrita, għaliex filwaqt li hija attiva fis-soċjetà ċivili ġewwa pajjiżna, hija persuna insensittiva tant li tippoża u tiżżufjetta bl-iswastika, u kapaċi tittrivjalizza t-tbatijiet kbar li ġab miegħu r-reġim Nażista.

28. Kif inhu komunement magħruf, '*a picture speaks a thousand words*', u fil-fehma tal-Qorti, ir-ritratt tal-attriċi ġie użat sabiex jitwassal il-messaġġ li l-appellanta, filwaqt li tieħu sehem f'kampanji tas-soċjetà ċivili sabiex tiġġieled għall-ġustizzja, fl-istess waqt titrivjalizza u twaqqa' għaċ-ċajt l-inġustizzji li għaddew minnhom miljuni ta' persuni madwar id-dinja vittmi tal-ideoloġija Nażista. Hija din in-narrattiva istigata mill-appellat bl-użu u bil-pubblikazzjoni ta' dan ir-ritratt partikolari, għal kollox barra mill-kuntest oriġinali tiegħu, li kienet proprju parodija komika fejn in-Nażismu jitwaqqa' għar-redikolu u għall-assurd. Il-Qorti tqis illi l-pubblikazzjonijiet in kwistjoni mhux biss setgħu ikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-appellanta, iżda fil-fatt kif jirriżulta mir-reazzjonijiet li kien hemm għal dawn l-artikli, ikkawżalha ħsara serja għar-reputazzjoni tagħha.

29. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qiegħda tilqa' t-tieni aggravju tal-appellanta, u tiddikjara li l-użu tar-ritratt in kwistjoni fl-artikli li jiffurmaw il-mertu ta' dawn il-proċeduri, mhux biss għandu l-potenzjal li jikkawża ħsara lir-reputazzjoni tal-appellanta, imma attwalment ikkawżalha ħsara serja għar-reputazzjoni tagħha.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:**

1) **Filwaqt li tiċħad l-ewwel aggravju fir-rikors tal-appell tal-appellanta, qiegħda tilqa' t-tieni aggravju tagħha għar-raġunijiet spjegati;**

2) **Tirrevoka s-sentenza appellata, u tiddikjara li l-pubblikazzjonijiet mertu ta' dawn il-proċeduri, u ċjoé l-artikolu li deher fil-ġazzetta 'It-Torċa' tal-Ħadd, 18 t'Awwissu, 2019, liema artiklu kien intitolat *'Ritratt Kontroversjali ta' Pia Zammit ... tispjega'*, kif ukoll l-artiklu intitolat *'M'Għandux Ikun Hemm Ċajt bl-Iswastika ... Insensittività li tippoża biha'*, li deher fl-istess ġazzetta fil-25 t'Awwissu, 2019, ikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-appellanta;**

3) **Tikkundanna lill-appellat iħallas lill-appellanta is-somma ta' elf u mitejn Euro (€1,200) bħala danni morali.**

4) **L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti u l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**